KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

### Laqgħa Numru 53

**It-Tnejn 6 ta' Marzu 2023**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**
Kyle Mifsud – Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 53.1 Riżenja ta' Skrivana u Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv

53.1.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittra ta' riżenja mingħand l-iskrivana li kienet taħdem fuq bażi ta' 30 siegħa fil-ġimgħa, b'jumejn minnhom jinħadmu mid-dar.

53.1.2 Hija infurmat li wara evalwazzjoni kienet qed tissuġġerixxi li l-Kunsill japprova li l-ingaġġ il-ġdid ikun fuq bażi ta' *full time* u għal skala aħjar, jiġifieri għal Uffiċjal Eżekuttiv.

53.1.3 Il-Kunsill qabel li fiċ-ċirkostanzi, il-Kunsill għandu japprova l-ingaġġ għal Uffiċjal Eżekuttiv fuq 40 siegħa fil-ġimgħa.

53.1.4 Il-bord tal-intervisti se jkun magħmul mis-Sindku, mill-Viċi Sindku u mis-SE.

Konfermati, illum it-Tlieta 28 ta' Marzu 2023.

Kyle Mifsud
Sindku

Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv